TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 242/16/F

**Anthea Piscopo**

**vs**

**Me Mobile**

Illum 14 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni mitejn, u disgħa u disgħin ewro (€299), rappreżentanti prezz ta' mobile phone.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet xtrat mobile phone għall-prezz ta' mitejn u disgħa u disgħin ewro (€299), u minkejja li ħaditu għat-tiswija għand l-intimat, dan baqa' ma sewwiehx u baqa' bil-problemi.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2017, u dan minkejja li kien notifikat bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888